

СЪД НА ЕВРОПЕЙСКИТЕ ОБЩНОСТИ
TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA



EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
AZ EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
CURTEA DE JUSTIȚIE A COMUNITĂȚILOR EUROPENE
SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTIEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Stampa u Informazzjoni

INFORMAZZJONI GĦALL-ISTAMPA Nru 24/09

24 ta' Marzu 2009

SIMPOŻJU LI JLAQQA' L-PRESIDENTI TAL-QRATI KOSTITUZZJONALI U TAL-QRATI SUPREMI TAL-ISTATI MEMBRI

“Riflessjoni dwar il-proċedura preliminari”

Fit-30 u fil-31 ta' Marzu 2009, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ser torganizza simpożju li jlaqqa' l-Prim'Imħallfin tal-Qrati Kostituzzjonali u tal-Qrati Supremi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea bl-għan li jsir djalogu iktar fil-fond mal-ogħla qrati nazzjonali, fir-rigward tal-miżuri li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-proċedura preliminari. Is-simpożju jseħħ fil-kuntest tal-proċess ta' riflessjoni dwar il-proċedura preliminari mibdi mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Qrati Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea flimkien man-Netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea.

Il-kollaborazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tibqa' waħda mill-iktar pilastri sodi tas-sistema ġuridika Komunitarja. Permezz tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, previst sa mill-bidu mit-Trattati, il-qrati nazzjonali għandhom il-possibbiltà li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja risposta rigward l-interpretazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju li tkun neċessarja sabiex tinaqta' l-kwistjoni quddiemha. Billi jippermetti l-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li minnhom igawdu l-individwi taħt id-dritt Komunitarju, u billi jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tissodisfa l-funzjoni tagħha li tiżgura l-osservanza tad-dritt fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tat-Trattati, dan il-mekkaniżmu huwa l-prinċipju ċentrali tas-sistema ġudizzjarja Komunitarja.

Ix-xogħlijiet tas-simpożju ser isiru fis-Sala l-Kbira tal-Palazz l-Antik tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-okkażjoni ta' dan is-simpożju, ser issir l-inawgurazzjoni ta' wirja tar-ritratti ddedikata lill-bini li jilqgħu il-Qrati Supremi u l-Qrati Kostituzzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2009, fis-6 ta' fil-għaxija, fil-vestibolu tal-Palazz l-Antik. Din il-wirja, li twettqet bl-għajnuna tal-ogħla qrati nazzjonali, tesprimi r-rikkezza u d-diversità tal-arkitettura tagħhom.

L-akkreditazzjonijiet jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Istampa u Informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, wara li timtela u tintbagħat lura l-formula hawn mehmuża sa mhux itar tard mis-**27 ta' Marzu 2009 fl-12:00CET**.

*Lingwi disponibbli: **kollha***

*Din l-informazzjoni għall-Istampa hija ukoll disponibbli fuq is-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja
<http://curia.europa.eu/mi/actu/communiques/index.htm>*

*Għal iktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell
Tel: (00352) 4303 3355 Faks: (00352) 4303 2731*

INFORMAZZJONI PRATTIKA

Sala għall-istampa mgħammra b'tagħmir tal-uffiċju (telefon u Wi-Fi) ser tkun għad-disposizzjoni tiegħek.

Inti mitlub tinnota:

- li l-membri tal-istampa għandhom jużaw id-daħla tal-bini Erasmus, Rue du Fort Niedergrünewald
- li l-pubbliku huwa mitlub jibqa sieket u bil-qiegħda sat-tmiem tas-simpożju,
- li matul is-simpożju kollu, l-użu tat-telefon ċellulari jew ta' apparat elettroniku ieħor li jista' jagħmel ħoss m'huwiex permess,
- li l-użu ta' flash jew ta' sistemi oħra ta' dawl supplimentari m'huwiex permess,
- li m'huwiex permess li l-fotografi u l-cameramen jiċċaqalqu għewwa l-awla sabiex jieħdu ritratti,
- li, jekk numru kbir ħafna ta' fotografi u ta' cameramen juru interess, jista' jitwaqqaf "pool" mid-Dipartiment tal-Istampa u tal-Infommazzjoni.

AKKREDITAZZJONI

Akkreditazzjoni li għandha tintbagħat permezz ta' posta elettronika qabel is-27 ta' Marzu 2009
fl-12:00 CET,
lill-indirizz li ġej: christine.verneau@curia.europa.eu

Dwar: Simpożju li jlaqqgħa l-presidenti tal-qrati kostituzzjonali u tal-qrati supremi tal-Istati Membri

Għal iktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lid-Dipartiment Stampa u Informazzjoni
Tel: (00352) 4303 2035

Isem:

Organizzazzjoni:

Tip ta' medja:

Numru ta' persuni:

Numri fejn tista' tiġi kkuntattjat:

Tel :

Faks :

Posta elettronika :

Talba għal permess sabiex jittieħdu ritratti / filmat (aqta' barra fejn mhux meħtieġ):
IVA / LE

Ser jattendi għas-simpożju, fit-30 u fil-31 ta' Marzu 2009

Mhux ser jattendi għas-simpożju, fit-30 u fil-31 ta' Marzu 2009

 Ser jattendi għall-inawgurazzjoni tal-wirja ta' ritratti, fit-30 ta' Marzu 2009

Mhux ser jattendi għall-inawgurazzjoni tal-wirja ta' ritratti, fit-30 ta' Marzu 2009

 Ser jattendi għaż-żjara tal-Palazz il-Ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja, fit-30 jew fil-31 ta' Marzu 2009

Mhux ser jattendi għaż-żjara tal-Palazz il-Ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja, fit-30 jew fil-31 ta' Marzu 2009

It-talba tagħkom hija milqugħa, sakemm ma jkunx hemm avviż għall-kuntrarju ta' dan mibgħut mill-Qorti tal-Ġustizzja jumejn qabel is-simpożju.